# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

9 ta' Jannar, 1954

Imħallef :
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Stella Schembri versus Anthony Cassar

**"Non Bis in Idem" — Ġudikat — Estinzjoni tal-Azzjoni Penali — Art. 521 tal-Kap. 12.**

*Biex jista' jingħad li hemm estinzjoni tal-azzjoni penali mħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fatt fiżikament riqwardat. Ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kontest ta' azzjoni; għaliex jista' jagħti l-każ li jsir fl-istess kontest ta' azzjoni, u mbagħad ikun materjalment distingwibbli.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni "ad istanza privata", li biha l-imsemmi Cassar ġie mputat mill-imsemmija Schembri li f'dawn l-aħħar tliet xhur, fl-Imsida, ingurjaha ;

Rat is-sentenza mogħtija fuq dik il-kwerela mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha l-kwerelat instab ħati ta' ingurja, u ġie kundannat għall-piena ta' l-ammenda ta' £2 u għall-ħlas ta' l-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-kwerelat, per mezz tad-difensur tiegħu, eċċepixxa n-"non bis in idem", għax qal li għall-istess fatt, li fih hija anki nvoluta l-akkuża tal-lum, kien ġie kundannat b'sentenza tat-3 ta' Settembru, 1953; illi s-sentenza preċedenti, imsemmija mill-kwerelat, hija dik li kopja tagħha ġiet minnu eżibita, mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Settembru 1953 ;

B'din is-sentenza l-kwerelat ġie misjub ħati u kundannat talli l-Imsida, fid-9 ta' Awissu 1953, f'xi d-9.15 a.m., għamel storbju bl-għajjat u tkellem faħxi fil-publiku. Biċ-ċitazzjoni odjerna huwa ġie issa akkużat talli ngurja lill-kwerelanti. Huwa ammess li kollox sar fl-istess kontest ta' azzjoni ; però l-ingurji kienu differenti mill-fatt kostitwenti d-distorbju, u evi-

dentement anki mill-kliem faħxi. Issa, kif ġie ritenut mill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina (sedi ta' l-Appell) fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 1953 — "Il-Pulizija versus Salvatore Saliba" — "biex jista' jingħad li hemm l-estinzjoni minħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fatt fiżikament rigwardat (ara art. 521 Kap. 12); ma hux biżżejjed li jingħad li sar fl-istess kontest ta' azzjoni, għaliex jista' jagħti l-każ li jsir fl-istess kontest ta' azzjoni, u ntant ikun materjalment distingwibbli"; u fil-meritu, mill-provi rriżulta li fil-ġurnata fuq imsemmija l-kwerelat ingurja lill-kwerelanta billi qalilha "inti l-aktar mara ħażina li hawn f'din it-triq";

Rat ir-rikors li bih il-kwerelat appella minn din id-deċiżjoni, u talab ir-revoka tagħha u l-ħelsien tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat;

Dwar il-preġudizzjali tan-"non bis in idem";

Ir-raġunamenti ta' l-Ewwel Qorti huma sewwa. L-appellant invoka l-prinċipju stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti "Pulizija vs. Pace" tat-28 ta' Jannar 1939, li hu dak stess stabbilit fis-sentenza, li hi "locus classicus" fil-materja, ċjoè is-sentenza "Rex vs. Rosaria Portelli", 23 ta' Frar 1904. Dak il-prinċipju ma hux intakkat bis-sentenza appellata, għaliex hu jippresupponi li jkun hemm "un medesima fatto", mentri f'dan il-każ, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, il-fatt "ma kienx uniku", iżda kien hemm fatti distingwibbli materjalment, u għalhekk sar applikabbli l-prinċipju l-ieħor sanċit fis-sentenza ta' din il-Qorti ċitata fis-sentenza appellata;

Fill-meritu;

***Omissis;***

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-kwerelat appellant. Onorarju ud-difensuri ........ Żmien għall-ħlas ta' l-ammenda erbgħa tijiem mil-lum.

---